A.L. 69 ta' l-1994

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161) BDIL TA' *STOCK*

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Bdil ta' Lm2,000,000 6.25% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1993-1994 f'Lm2,000,000 6.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2001

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi iddikjara li Lm2,000,000 6.25% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1993-1994 li għandu jitħallas lura bejn l-1 ta' Jannar, 1993 u l-31 ta' Diċembru, 1994, jista' jinbidel fi *Stock* reġistrat li joħroġ skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll li, għall-bdil ta' Lm2,000,000 6.25% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvillupp 1993-1994 għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2001 bis-6.5% kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' *stock*.

1. **(a)** L-i*stock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni f'ammonti li jidħlu eżatt bil-Lm100. L-applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*stock* għal dawk li diġa' għandhom 6.25% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvillupp 1993-1994 jifthu fit-8.00 ta' fil-għodu tat- Tnejn, 20 ta' Ġunju, 1994 u jagħlqu f'nofs in-nhar tas-Sibt 2 ta' Lulju, 1994.

(b) Applikazzjonijiet mingħand il-pubbliku ġenerali għal xi bilanċ li jibqa' mhux mittieħed mill-i*stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2001 6.5% jintlaqgħu t-Teżor, bejn it-8 ta' fil-għodu tat-Tnejn, 4 ta' Lulju, 1994 u nofs in-nhar tal-Ġimgħa, 15 ta' Lulju, 1994, jew qabel fid-deskrizzjoni tal-*Accountant General*.

Negozju fil-Borża ta' Malta.

Kap. 345.

2. Issir applikazzjoni sabiex l-i*stock* jitpoġġa fuq il-lista uffiċjali u jsir negozjar tiegħu fil-Borża ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta meta dan l-i*stock* jitħallas kollu.

Somma ta' flus li għandha tingħabar

3. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*stock* tkun ta' Lm2,000,000.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-Fond ta' Ammortizzament.

4. Mid-data ta' bdil, il-bilanċ ta' Lm2,000,000 li jkun jinsab fil-kreditu tas-*Sinking Fund* 6.25% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvillupp 1993-1994 jiġi trasferit fis-*Sinking Fund* 6.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta (Bdil) 2001.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fil-15 ta' Lulju u fil-15 ta' Jannar ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock* . L-ewwel ħlas ta' Lm3.25 kull Lm100 *stock* relativament għall-perijodu mill-15 ta' Lulju, 1994 sal-14 ta' Jannar, 1995 għandu jsir fil-15 ta' Jannar, 1995.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fil-15 ta' Jannar, 2001.